MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tat-22 ta' Lulju, 2008

Appell Kriminali Numru. 2/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

***-- omissis --***
**Joseph Vella**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Patrick Mangion u Joseph Vella talli (**1**) nhar it-3 ta' Jannar 2008, gewwa Triq l-Isptar, ir-Rabat (Malta), fid-9.15 a.m. flimkien ma' persuna ohra, ikkommetta serq ta' flus u accessorji ohra liema valur ma jeccedix il-hamsin lira izda jeccedi l-ghaxar liri a detriment ta' Vincenza Attard mir-Rabat, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza u dan ai termini ta' l-Artikoli 261, 262 u 274 tal-Kodici Kriminali; (**2**) u aktar talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi flimkien ma' persuna ohra rrendew ruhhom komplici li kkagunaw griehi ta' natura gravi *per durata* fuq il-persuna ta' Vincenza Attard, u dan kif iccertifika Dr. J.

Zammit M.D. ta' l-isptar Mater Dei, u dan ai termini ta' l-Artikoli 214 u 216 tal-Kodici Kriminali; (**3**) il-Qorti kienet mitluba li titratta ma' l-imputati bhala li huma recidivi diversi drabi wara li gew misjuba hatja diversament li kommettew reati kriminali ohra kemm mill-Qorti tal-Magistrati u kemm mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali b'sentenzi li saru definittivi u li ma jistghux jinbidlu;

Rat l-ammissjoni registrata fl-udjenza tal-5 ta' Jannar 2008 – cioe` l-istess gurnata li l-imputati tressqu l-qorti – minn Joseph Vella, f'liema ammissjoni huwa ppersista anke wara li gie debitament imwissi dwar il-konsegwenzi ta' tali ammissjoni;

Rat is-sentenza moghtija dakinhar stess (5 ta' Jannar 2008) mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) li permezz taghha, fuq l-imsemmija ammissjoni, iddikjarat lill-imsemmi Joseph Vella hati skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u, wara li rat l-Artikoli 214, 216, 261, 262, 274, 49 u 50 tal-Kap. 9, kif "ukoll l-Att 441 tas-sena 2007"[1], ikkundannatu ghall-piena ta' sentejn prigunerija, sospizi ghal erba' snin bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali, kif ukoll ghal multa ta' Euro1150, liema multa ghandha tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' Euro100 'l wiehed, u f'kaz li l-hati jonqos f'wiehed mill-pagamenti dovuti l-bilanc ikun dovut kollu f'daqqa u jigi konvertit awtomatikament fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hames liri dovuti;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali, minnu ppresentat fis-16 ta' Jannar 2008, li permezz tieghu huwa talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza kwantu ghall-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenzi tad-9 ta' Mejju 2008 u 18 ta' Lulju 2008; semghet ukoll, fl-ahhar imsemmija udjenza, lill-Ispettur Mario Tonna bil-gurament; ikkunsidrat:

[1] Ir-referenza ghal dan l-Att huwa xi zball dattilografiku.

L-aggravju ta' l-Avukat Generali hu maghmul jikkonsisti fil-fatt illi "l-ewwel Onorabbli Qorti ghamlet applikazzjoni zbaljata tal-ligi in vista tal-akkuzi migjuba". Huwa kompla jfisser li bil-piena li tat l-ewwel qorti "marret taht il-minimu permissibbli skond il-ligi".

Il-fatti li taghhom l-appellant instab hati kienu jammontaw ghal serq kwalifikat a dannu ta' mara anzjana ta' aktar minn sebghin sena (ara l-okkorrenza a fol. 16). Is-serq twettaq billi l-appellat Vella u persuna ohra hatfulha l-*handbag* ("snatch and grab"), u l-vittma tkaxkret ma' l-art. Hija giet certifikata li sofriet griehi gravi *per durata* (ara c-certifikat mediku a fol. 12). L-ammont ta' flus li nsteraq kien ta' cirka Euro79. Ta' min jippreciza, hawnhekk, illi fl-imputazzjonijiet kif migjuba mill-pulizija (kif riportati hawn fuq f'din is-sentenza), imkien ma hemm referenza ghall-eta` tal-vittma, anqas permezz ta' referenza ghall-artikolu relattiv tal-ligi (Art. 276A tal-Kap. 9). Gustament, ghalhekk, l-ewwel qorti ma kkwotatx dak l-artikolu tal-ligi u ma haditx in konsiderazzjoni – bhalma wkoll ma tistax tiehu in konsiderazzjoni din il-Qorti – zieda fil-piena ta' grad jew zewg gradi minhabba dan il-fatt ta' l-eta` tal-vittma. Dan, pero`, ma jfissirx li l-qrati ma jistghux jiehdu in konsiderazzjoni il-fatt li s-serq twettaq a dannu ta' persuna anzjana – ifisser biss li ma tkunx applikabbli z-zieda fil-piena kontemplata fl-imsemmi Artikolu 276A.

Issa, kif tajjeb osserva l-Avukat Generali fir-rikors ta' appell tieghu, skond l-Artikolu 274(b) tal-Kodici Kriminali, persuna li tkun instabet hatja ta' serq li jsir flimkien ma' offiza fuq il-persuna jehel, jekk l-offiza tkun gravi izda minghajr ma ggib il-konsegwenzi msemmija fl-Artikolu 218, il-piena ta' prigunerija <u>minn tliet snin sa disa' snin</u>. L-ewwel qorti, fis-sentenza appellata, ma indikat ebda ragunijiet specjali u straordinarji li a bazi taghhom kienet qed tapplika l-Artikolu 21 – in fatti f'dik is-sentenza imkien ma jissemma' dana l-Artikolu 21. Konsegwentement dik il-qorti ma setghetx taghti piena ta' prigunerija ta' sentejn u multa.

Mhux hekk biss: skond is-subartikolu (5A) ta' l-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali, il-piena moghtija f'sentenza

sospiza meta dik is-sentenza ma tkunx dahlet fis-sehh ghandha, ghall-finijiet ta’ l-Artikolu 50, titqies li tkun giet skontata ma’ l-iskadenza tal-periodu operattiv. Issa, l-appellat Vella, b’sentenza moghtija fl-14 ta’ Mejju 2003 ghar-reat ta’ tentattiv ta’ serq kwalifikat, kien gie kkundannat tmintax-il xahar prigunerija sospizi ghal sentejn. Dan ifisser li, ghall-finijiet ta’ l-Artikolu 50, is-sentenza giet skontata fl-14 ta’ Mejju 2005. L-Artikolu 50 jipprovdi li meta persuna kkundannata ghal delitt taghmel delitt iehor fi zmien ghaxar snin minn dak in-nhar li tkun skontat jew tkun giet mahfura l-piena, jekk iz-zmien ta’ dik il-piena kien izjed minn hames snin, jew fi zmien hames snin, fil-kazijiet l-ohra kollha, tista’ tehel piena akbar bi grad wiehed mill-piena stabbilita ghal dak id-delitt l-iehor. Ghalhekk isegwi li, bid-delitti (serq kwalifikat u offiza fuq il-persuna) kommessi  fit-3 ta’ Jannar 2008, l-appellat Vella sar recidiv fit-termini ta’ l-Artikolu 50. Skond is-subartikolu (7)(b) ta’ l-Artikolu 28A, ordni ta’ sospensjoni ta’ sentenza ta’ prigunerija m’ghandux isir meta “l-ikkundannat ikun recidiv fit-termini ta’ l-Artikolu 50”. L-ewwel qorti, ghalkemm irrikonoxxiet li f’dan il-kaz kien hemm recidiva fit-termini ta’ l-imsemmi Artikolu 50, tant li semmiet dana l-artikolu espressament fis-sentenza taghha, xorta wahda imponiet sentenza ta’ prigunerija sospiza bi ksur palesi ta’ dak li jipprovdi l-Artikolu 28A(7)(b) tal-Kodici Kriminali.

Ghalhekk l-Avukat Generali ghandu ragun jilmenta li l-piena applikata mill-ewwel qorti kienet manifestament zbaljata minn kull aspett.

Din il-Qorti, wara li regghet hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluza l-fedina penali refrattarja ta’ l-appellat, m’ghandhiex alternattiva hlief li tinfliggi piena karcerarja b’effett immedjat. Huwa veru li l-appellat ammetta mill-ewwel quddiem il-Qorti Inferjuri, u anke wera li kien dispost li jixhed kontra l-ko-akkuzat; pero` hawn ghandna reat li jinvolvi vjolenza fizika u ghalhekk, bhalma dejjem insistiet din il-Qorti, il-piena ghandha bhala regola tkun dik ta’ prigunerija b’effett immedjat. L-hekk imsejha “ammissjoni bikrija” m’ghandhiex tintuza bhala mezz biex jigu raggirati l-interessi legittimi tas-socjeta` li fil-kaz ta’ reati bhal dawn – u dan qed jinghad apparti mill-kwistjoni

ta’ l-eta` tal-vittma – ghandha l-ewwel u qabel kollox tigi protetta billi jigu erogati pieni li jservu ta’ deterrent.

Ghall-motivi premessi, tilqa’ l-appell, thassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellat Joseph Vella gie kkundannat sentejn prigunerija sospizi ghal erba’ snin kif ukoll fejn gie kkundannat multa ta’ Euro1150, u minflok tikkundannah ghall-piena ta’ erba’ (4) snin prigunerija; u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------